

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1881

tal-15 ta' Ottubru 2015

### **li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata fiż-żoni VIIf u VIIg minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 (²), jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irregistrazione fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jehtieq li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### **Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

#### Artikolu 2

#### **Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irregistrazione fih għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, huwa pprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabda minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

#### Artikolu 3

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*João AGUIAR MACHADO*

*Direttur ġGenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

<sup>(¹)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(²)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-il-mijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti il-mijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

## ANNESS

Nru	43/TQ104
Stat Membru	Belġju
Stokk	SOL/7FG.
Speċijiet	Lingwata komuni ( <i>Solea solea</i> )
Żona	VIIIf u VIIg
Data tal-għeluq	19.9.2015